MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-18 ta' April, 2013

Rikors Numru. 556/2012

**Pierre Galea (ID324560M)**

***kontra***

**Registratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors prezentat fil-31 ta` Mejju 2012 li jaqra hekk –

*Illi r-rikorrent huwa membru kif ukoll direttur tal-kumpannija Mirabel Distributors Company Limited bin-numru tar-registrazzjoni C13384 (aktar 'il quddiem f`dan ir-Rikors imsejha "il-Kumpannija") u dan kif jidher minn*

*estratt mill-website tar-Registratur tal-Kumpanniji (hawn anness u mmarkat Dok. A) ;*

*Illi f`Novembru tas-sena 2011 gie ppublikat l-avviz tat-thassir tal-isem tal-Kumpannija mir-Registru tal-Kumpanniji skont il-provvedimenti tal-Artikolu 325 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta (Ara Dok B hawn anness) ;*

*Illi fit-18 ta` April 2012 ir-rikorrent dahal f`konvenju ma` Dr Adrian Vella sabiex ibigh u jittrasferixxi l-utile dominju perpetwu ta` garaxx bin-numru 6/7 fi Triq l-Imhar gia Triq il-Gdida San Pawl il-Bahar skont kif jidher mill-kopja tal-istess konvenju (hawn annessa u mmarkat Dok. C) ;*

*Illi rrizulta, waqt li kienu qed isiru r-ricerki relattivi, li l-imsemmi garaxx huwa proprjeta` tal-Kumpannija ;*

*Illi stante li gie ppublikat l-avviz tat-thassir tal-isem tal-Kumpannija mir-Registru tal-Kumpanniji, ir-rikorrent qed jiddisponi minn immobbli li ma jappartjenix lilu u inoltre eventwalment il-kuntratt tal-bejgh u t-trasferiment ma jkunx jista` jsehh ;*

*Illi r-rikorrenti jixtieq jirregolarizza din is-sitwazzjoni sabiex ikun jista` jiddisponi mill-immobbli hawn fuq imsemmi kif ukoll sabiex ikun jista` jiehu dawk il-passi kollha rikjesti mil-ligi sabiex wara li jiddisponi mill-immobbli, jirregola l-pozizzjoni tal-Kumpannija u eventwalment jillikwida l-Kumpannija ;*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, ir-rikorrent hass ruhu aggravat bil-fatt li l-isem tal-Kumpannija thassar minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji u stante li ghadhom ma ghaddewx hames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviz tat-thassir provdut taht l-Artikolu 325 tal-Kap 386 sub-incizi*

*(2) u (3) ir-rikorrent qieghed umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jekk joghgobha, taht id-direzzjonijiet u l-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni u dejjem kemm-il darba li tkun sodisfatta li dak mitlub permezz ta` dan ir-rikors huwa xieraq, tordna li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.*

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors.

Rat ir-risposta guramentata pprezentata fl-20 ta` Lulju 2012 li taqra hekk –

*Illi l-kumpannija Mirabel Distributors Company Limited (C13384) kienet giet registrata taht l-Att dwar il-Kumpanniji 1995 fid-9 ta` Dicembru 1991.*

*Illi mir-registrazzjoni tad-dokumenti tal-compliance sabiex il-kumpannija de quo tigi regolata mill-Att, il-kumpannija Mirabel Distributors Company Limited (C13384) naqset milli tibghat prospett attwali, kontijiet annwali jew dokumenti perjodici ohra li kumpannija registrata kienet obbligata li tipprezenta lir-Registratur ghar-registrazzjoni ai termini tal-istess Att. Tant hu hekk illi din il-kumpannija nhargulha diversi penali kif tipprovdi l-ligi minhabba l-inadempjenzi taghha ma` dawn l-obbligi legali.*

*Illi l-fatt li l-kumpannija in kwistjoni baqghet ma ottemperatx ruhha mal-obbligi legali taghha bhala kumpannija ghal diversi snin kienet raguni bizzejjed biex ir-Registratur tas-Socjetajiet jassumi li din il-kumpannija ma kinitx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpanniji.*

*Illi minhabba li kien skada bil-kbir it-terminu previst mill-istess Artikolu li fih il-kumpannija jew xi persuna*

*nteressata setghet tindika x`interess li seta` kellha sabiex l-isem tal-kumpannija jibqa` fuq ir-Registru, huwa mexa sabiex jipprocedi bil-pubblikazzjoni ta` avviz li l-isem tal-kumpannija Mirabel Distributors Company Limited (C13384) kien gie mhassar minn fuq ir-Registru b`effett minn Novembru 2011.*

*Ghalhekk, ghar-ragunijiet suesposti, ir-Registratur tas-Socjetajiet jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti:*

- *Tichad it-talbiet kif maghmula mir-rikorrent, salv kull provvediment iehor illi din il-Qorit jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi partikolari ta` dan il-kaz.*

- *Minghajr pregudizzju ghas-suespost, f`kaz illi dina l-Qorti jidhrilha xieraq illi l-isem tal-kumpannija jerga` jitpogga fuq ir-registru, ir-Registratur umilment jissolleva illi fis-sentenza ghandhom jigu ndikati d-direttivi mehtiega sabiex ir-rikorrent jirregola l-pozizzjoni tal-kumpannija in kwistjoni billi jintbaghtu ghar-registrazzjoni l-kontijiet annwali u l-prospetti annwali nieqsa u jithallsu minnufih il-penali kollha dovuti lir-Registratur tas-Socjetajiet skont il-ligi u dan qabel ma isem il-kumpannija jerga` jitpogga lura fuq ir-Registru, u kwindi qabel ma r-rikorrent ikun jista` jitpogga fuq ir-Registru, u kwindi qabel ma r-rikorrent ikun jista` jiddisponi mill-immobbli tal-kumpannija u mhux wara.*

- *Ir-Registratur umilment jissolleva illi dawn ta` fuq ghandhom jitqiesu bhala kundizzjonijiet sina qua non qabel ma dina l-Qorti tikkonsidra huwiex opportun illi l-isem tal-kumpannija jerga` jitqieghed fuq ir-Registru.*

- *Tordna lir-rikorrent ihallas l-ispejjez kollha marbutin ma` din il-kawza.*

Rat il-verbal tal-udjenza tal-15 ta` April 2013 fejn kien dikjarat mill-intimat, permezz tad-difensur tieghu, illi r-rikorrent kien irregola ruhu bis-shih fil-mori tal-kawza fir-

rigward ta` kull pendenza li l-kumpannija de qua kellha mar-Registratur tal-Kumpanniji. L-intimat iddikjara ruhu sodisfatt b`dak kollu li sar mir-rikorrent u ghalhekk ma kienx qieghed jopponi illi l-isem tal-kumpannija de qua terga` titqieghed fuq ir-registru.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghal provvediment ghal-lum.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

Fl-ghoti tal-provvediment tal-lum, din il-Qorti sejra tqis illi sa mill-ewwel appuntament tal-kawza u cioe` l-udjenza tat-2 ta` Ottubru 2012 ir-rikorrent wera disponibilita` li jassikura li kwalsiasi pendenza li l-kumpannija kellha mar-Registratur tal-Kumpanniji tigi regolarizzata **qabel** ma` din il-Qorti tiddeciedi jekk takkordax inkella le t-talba tar-rikorrent kif dedotta fir-rikors promotorju tieghu. Ir-rikorrenti baqa` jsostni d-disponibilita` tieghu konkretament fl-udjenza tat-28 ta` Frar 2013 sa ma ffinalizza l-pendenzi kollha li kellu mar-Registratur tal-Kumpanniji fl-udjenza tal-15 ta` April 2013 – kollox inkluz u xejn eskluz. Kien propju ghalhekk illi r-Registratur tal-Kumpanniji ma baqax jopponi t-talba li l-isem tal-kumpannija de qua jerga` jitqieghed fuq ir-registru.

Din il-Qorti trid tghid illi l-Art.325 tal-Kap.386 jirregola l-imgieba tar-Registratur tal-Kumpanniji f`sitwazzjonijiet fejn kollox ikun jindika li kumpannija ma tkunx qeghda topera. Minn dak li rrizulta b`mod komplessiv fil-kawza tal-lum, din il-Qorti ma ssib propju xejn x`ticcensura fil-mod kif gab ruhu l-intimat. Se mai kull nuqqas kien imputabbli lill-kumpannija, li taghha r-rikorrent

kien membru u direttur, inkluz fejn si tratta tal-adempiment tal-obbligi taghha skond il-ligi.

Is-subinciz (4) tal-Art 325 tal-Kap 386 huwa dak rilevanti biex jirregola s-sitwazzjoni li jipprezentaw il-fatti ta` din il-kawza.

Jaqra hekk –

*Jekk membru jew kreditur tal-kumpannija, jew xi persuna ohra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li thossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-Registru bis-sahha ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors maghmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-ohra, qabel ma jghaddu hames mill-pubblikazzjoni ta' l-avviz tat-thassir … tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru, tordna li dak l-isem jerga` jidhol fir-registru, u mal-konsenja ta' kopja ufficjali ta' l-ordni mir-Registratur tal-Qrati lir-Registratur ghar-registrazzjoni, il-kumpannija ghandha titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar, u l-Qorti tista' bl-ordni taghha taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpannija u l-persuni l-ohra kollha jitqieghdu fl-istess pozizzjoni kemm jista' jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar. Ir-Registratur ghandu minnufih jghaddi biex jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f'gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta u l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.*

Fil-kaz tal-lum, mhuwiex kontestat illi r-rikorrent huwa membru tal-kumpannija in kwistjoni. Din il-Qorti tinnota li r-rikorrent kien pront u tempestiv illi ttenta din il-procedura fis-sens illi ha azzjoni ftit xhur biss wara l-pubblikazzjoni tal-avviz mir-Registratur, ghalkemm kellu zmien hames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviz sabiex jagixxi.  Din il-Qorti qieset il-fatti u c-cirkostanzi tal-kaz u

tghid illi hija sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija *de qua* jerga` jidhol fir-registru. Hija hekk sodisfatta wkoll ghaliex kif kien rilevat mir-rapprezentant legali tal-intimat illum l-atti li s-socjeta` de qua kellha tibghat lir-Registratur tal-Kumpanniji skond il-ligi llum huma regolarizzati, u kull dritt jew penali dovuti lir-Registratur tal-Kumpanniji huwa saldat tant illi llum l-intimat mhuwiex qieghed aktar jopponi li l-isem tal-kumpannija de qua jerga` jidhol fir-registru.

**Din il-Qorti tinsisti mar-rikorrent li bil-fatt illi sejra tordna li l-isem tal-kumpannija de qua jerga` jidhol fir-Registru b`ebda mod ma jfisser illi min huwa jew se jkun responsabbli ghall-kumpannija *de qua* qieghed jinghata xi *carte blanche* sabiex mill-ghada li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-Registru jkun jista` jerga` jaghmel li jrid u jittraskura ghal kollox l-obbligi li ghandu skond il-ligi. Ghaliex jekk dan jigri mill-gdid, minghajr l-ebda raguni valida, gustifikata jew li taghmel sens, din il-Qorti certament tahsibha xort`ohra u mhux sejra tonqos li tezercita d-diskrezzjoni taghha diversament. *Del resto* l-Qorti trid taccerta ruhha li bil-fatt illi l-isem jerga` jidhol fir-Registru, il-kumpannija tkun qeghda tidhol lura fil-binarji tar-regolarita` u tal-legalita` minghajr ma jkun hemm ghalfejn ir-Registratur tal-Kumpanniji jkun kostrett jagixxi minhabba l-inadempjenzi taghha.**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talba tar-rikorrent kif gej –**

**1) Tordna li l-isem Mirabel Distributors Company Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C13384 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex sa zmien sebat ijiem mil-lum jikkonsenja lir-Registratur**

**tal-Kumpanniji ghar-registrazzjoni kopja ufficjali ta` l-ordni li permezz taghha l-isem Mirabel Distributors Company Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C13384 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**3) Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, sa zmien sebat ijiem mid-data li fiha tkun konsenjata lilu mir-Registratur tal-Qrati kopja ufficjali ta` l-ordni li permezz taghha l-isem Mirabel Distributors Company Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C13384 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji, jippubblika avviz fil-Gazzetta tal-Gvern jew fuq *website* mizmuma mir-Registratur u f'gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta fejn jghid illi l-isem tal-kumpannija Mirabel Distributors Company Limited (C13384) rega` dahal fir-registru.**

**4) Tordna lir-rikorrent sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza. Ihallas ukoll kwalsiasi spejjez ohra li jkunu mehtiega sabiex l-isem tal-kumpannija Mirabel Distributors Company Limited (C13384) jerga` jidhol fir-Registru.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------